Maria Reġina College – Għargħur Primary

St Bartholomeo Street, Għargħur, Malta GĦR 1013

e-mail: mrc.gharghur.pr@ilearn.edu.mt l Tel No 25986540 l www.gharghurprimary.com

Creative, Innovative, Professional

The School Motto – Let's Reach Higher!!

10/11/2021

Għeżież Ġenituri,

Nispera li tinsabu tajbin.

Se ngħarrafkom dwar Novembru u Diċembru. Qed inżid ma' dak li bgħattilkom fiċ-ċirkulari ta' qabel din. Imxu ma' din iċ-ċirkulari.

Infakkarkom fil-laqgħat minn Dr Lara għalikom ġenituri fid-9, fl-10 u fil-11 ta' Novembru. Bgħattnilkom email bil-link diġa dwar dan. Aktar tagħrif hawn taħt.

*Parents' Evening* se ssir b'mod virtwali. L-għalliema jibagħtulkom appuntament u *invite*.

*Celebration Days* se jsiru virtwali. Intom tissieħbu ma' uliedkom fil-klassi billi tagħfsu fuq il-link li tingħatalkom viċin tal-ġurnata. Se jkollna *prize giving ceremony* għall-istudenti li din is-sena qegħdin fil-Year 5 u Year 6. Il-premju huwa ibbażat fuq xogħolhom u fuq l-eżamijiet tas-sena l-oħra.

Inġabru €325 mill-attivita' ta' Pink October. Il-flus se jingħataw lil Karl vella Foundation.

Grazzi tal-ordnijiet tal-għadam ta' Novembru.

Jekk hawn min għandu ġugarelli **f'kundizzjoni tajba** u jixtieq jgħaddihom lill-iskola, dawn ikunu apprezzati.

## NOVEMBRU

| | |
|---|---|
| 9 | 9.30a.m. Taħdita virtwali minn Dr Lara Vella, esperta tal-lingwi. Din il-laqgħa se tkun għall-ġenituri li wliedhom qegħdin fil-KG1, KG2, Year 1 u Year 2. Is-suġġett huwa dwar it-taħdit taż-żewġ lingwi, Malti u Ingliż. Se jitħawdu t-tfal meta jisimgħu ż-żewġ lingwi? Din il-laqgħa tgħodd ukoll għal min mhux Malti u jitkellem l-Ingliż u l-lingwa ta' pajjiżu.<br>Il-ġenituri irċevew *link* diġa. |
| 10 | 9.30a.m. Taħdita virtwali minn Dr Lara Vella, esperta tal-lingwi. Din se tkun għall-ġenituri li wliedhom qegħdin fil-Year 3 u Year 4. Is-suġġett huwa dwar il-qari ma'uliedna. X'nista' nagħmel bħala ġenitur biex il-ftit ħin ta' qari ma' uliedna, jkun effettiv?<br>Il-ġenituri irċevew *link* diġa. |
| 11 | 9.30a.m. Taħdita virtwali minn Dr Lara Vella, esperta tal-lingwi. Din se tkun għall-ġenituri li wliedhom qegħdin fil-Year 5 u Year 6. Is-suġġett huwa dwar il-lingwa fil-Maths. Għaliex l-istudenti jeħlu fl-istory sums?<br>Il-ġenituri irċevew *link* diġa. |

| | |
|---|---|
| | |
| 22 | *Parents' Evening* Virtwali 4p.m. – 6p.m. L-istudenti kollha jispiċċaw f'nofsinhar u t-trasport jitlaq f'nofsinhar ukoll. L-għalliema se jibagħtu l-invite għal dakinhar lill-ġenituri. |
| 30 | L-istudenti kollha KG1 -Year 6 m'għandhomx skola. L-għalliema kollha għandhom it-taħriġ tagħhom. |

**DIĊEMBRU**

| | |
|---|---|
| 1 | Nibdew naċċettaw l-ikel għall-*Food Bank*. L-istudenti huma mħeġġa jġibu ħaġa waħda tal-ikel biex ngħinu lil min hu fil-bżonn. L-ikel irid ikun minn dan li ġej - fruit juice, tadam tal-bott, baked beans, kunserva, passata tad-tadam, ħaxix tal-bott, laħam tal- bott, tonn taż-żejt, ross, couscous, noodles, breakfast cereal, gallettini, te', kafe', ġamm, għasel, pesto, cooking sauce, crackers, għaġin, mashed potatoes, stock cubes, ħalib tal-bott, ħalib long life. |
| 8 u 13 | Vaganzi |
| 14 | **9.30a.m.** *Winter Wonderland* għall-ġenituri tal-KG1.<br>**10.30a.m.** *Winter Wonderland* għall-ġenituri tal-KG2.<br>**11.30a.m.** *Winter Wonderland* għall-ġenituri tal-Year 1. |
| 15 | **9.30a.m.** *Winter Wonderland* għall-ġenituri tal-Year 2.<br>**10.30a.m.** *Winter Wonderland* għall-ġenituri tal-Year 3.<br>**11.30a.m.** *Winter Wonderland* għall-ġenituri tal-Year 4. |
| 16 | **9.30a.m.** *Winter Wonderland* għall-ġenituri tal-Year 5. Għoti ta'premjijiet.<br>**10.30a.m.** *Winter Wonderland* għall-ġenituri tal-Year 6. Għoti ta'premjijiet. |
| 17 | Casual Day. L-istudenti huma mħeġġa biex jilbsu ta' Father/Mother Xmas, bil-kostum. Jistgħu wkoll jilbsu casual u jilbsu l-kappell biss. Inħallu t-tfal iħossuhom komdi. Min ma jixtieqx jilbes, mhux problema; jilbes casual. Noffru lil *Food Bank* l-ikel li nkunu ġbarna matul ix-xahar ta' Diċembru. |
| 22 | L-aħħar ġurnata tal-iskola. L-istudenti jilbsu casual u mhux l-uniformi. Skola sa 12p.m. It-trasport jitlaq f'12p.m. Dwar din il-ġurnata, naqsmu dettalji aktar 'il quddiem.<br>Nerġgħu nibdew fis-7 ta' Jannar. |

Grazzi ta' kollox u awguri,

Ms Ben Ms Pat u Ms Pam

Kap tal-iskola Asst Kapijiet